**RULING TAL-ISPEAKER L-ONOR. ANĠLU FARRUGIA MOGĦTI F'SEDUTA 437 TAD-9 TA' MARZU 2021 DWAR ILMENT TA' KSUR TA' PRIVILEĠĠ IMQAJJEM MILL-ONOR. DAVID THAKE**

Fis-Seduta 436 tal-bieraħ, 8 ta' Marzu 2021, l-Onor. David Thake, talab lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. DAVID THAKE:** Sur President, jien smajt it-tieni *ruling* tiegħek. Illum hija l-ewwel okkażjoni tiegħi li nkun preżenti fil-Parlament wara d-diskors tad-Deputat Prim Ministru tat-2 ta' Marzu. Qed nitlob Ksur ta' Privileġġ fil-konfront tad-Deputat Prim Ministru jekk mhux beħsiebu jqum issa u jirtira l-kliem li qal, għaliex dak li qal fuq il-grupp parlamentari kollu jikkonċerna lili wkoll. Illum hija l-ewwel opportunità tiegħi u qed nitlob ksur ta' privileġġ. Nirringrazzjak."

Is-Sedja tagħmel referenza għat-tieni *ruling* li tat fir-rigward ta' dak li talab l-Onor. Robert Cutajar, fejn huwa, f'isem il-grupp parlamentari kollu, talab ksur ta' privileġġ fil-konfront tad-Deputat Prim Ministru, l-Onor. Chris Fearne, u li s-Sedja, f'dak ir-*ruling* iddeċidiet illi kien *fuori* t-termini u allura kellu jitqajjem fis-seduta ta' qabel, u ċjoè meta sar dak id-diskors mill-Onor. Chris Fearne fil-konfront ta' dak li ġie allegat mill-Onor. Robert Cutajar.

Is-Sedja ħadet konjizzjoni wkoll ta' dak li talab l-Onor. David Thake u tagħmel referenza għar-*ruling* li tat dwar dak mitlub mill-Kap tal-Oppożizzjoni fil-konfront tal-Onor. Chris Fearne, u allura t-tielet *ruling* li tat is-Sedja fl-istess Seduta tal-bieraħ, 8 ta' Marzu 2021, u tagħmel referenza għall-argumenti kollha illi ġew diskussi fir-*ruling* tas-Sedja u tiddeċiedi, billi tagħmel fl-intier tiegħu r-*ruling* li tat fil-konfront ta' dak li talab il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, fejn ma ssibx ksur ta' privileġġ fil-konfront tad-Deputat Prim Ministru Chris Fearne ladarba l-ebda Membru ma ġie identifikat biex tkun tista' tiġi applikata l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, u dan fil-konfront tal-artikolu 11(4). Għaldaqstant dak li talab l-Onor. David Thake s-Sedja tiddeċiedi li wkoll ma hemm l-ebda ksur ta' privileġġ.

Ir-*ruling* huwa deċiż.